# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 511/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Kenneth Zammit**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Kenneth Zammit, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 277481M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-lejl ta' bejn il-15 ta' Ottubru 2014 u s-16 ta' Ottubru, 2014, gewwa 1-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb Ii jbezzaghhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

2. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; attakka jew ghamel rezistenza ta' vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma' titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PC 1108 Sandro Grech u PC 355 Charlot Chircop f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1106 Sandro Grech u PC 355 Charlot Chircop, hekk kif iccertifika Dr. Stefan Camilleri M.D detentur ta' numru tar-registru mediku 1771 gewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana;

4. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' nuccali tal-vista ghad-dannu ta' PC 1108 Sandro Grech u/jew persuni ohra, liema hsara ma' tiskorrix iktar minn elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) izda hija iktar minn mitejn u hamsin Ewro (€250);

5. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma' obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

6. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PC 1108 Sandro Grech, PC 355 Charlot Chircop, PC 281 Damien Scott MacKay, PC 1068 Paul Abdilla, WPC 59 Abigail Katia Agius, u PC 1244 Roderick Cilia sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara;

7. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;

8. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien fi stat ta' sakra;

9. U aktar talli saq vettura b'numru ta' registrazzjoni ACC-452, tal-marka Volkswagen Golf b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz;

10. ukoll talli saq vettura b'numru ta' registrazzjoni ACC-452 ipprova isuq jew kien fil-kontroll ta' vettura fi triq pubblika wara li kien ikkonsma tant alkohol, li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt;

11. aktar talli saq jew prova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura b'numru ta' registrazzjoni ACC-452 fi Triq pubblika meta ma' kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

12. Talli ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata hekk kif moghtija nhar it-30 ta' April, 2014 mill-Magistrat Dr. Carol Peralta LLD liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti. kienet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati b'sentenza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti, kienet mitluba ukoll illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmi Kenneth Zammit milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhirlha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Novembru, 2015 li biha sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghall-imputazzjonijiet disgha, ghaxra u tnax ikunndannatu multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) u skwalifikatu minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena, u ghall-imputazzjonijiet l-ohra ikkundannatu multa ta' erbat elef Euro (€4,000) u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta poggietu taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment inkluz li jircievi dak it-trattament mediku opportun u li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. In oltre il-Qorti ghazlet li ma titrattax ma' l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati flt-30 ta' April 2014.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Kenneth Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata u filwaqt illi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn fuq ammissjoni sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, **tirriformha** fil-parti tal-piena u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet lill-abbli difensur tal-appellant u lill-abbli Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravam singolari dirett lejn il-piena erogata mill-ewwel Qorti liema piena huwa iqis bhala wahda sproporzjonata. Jargomenta l-appellant illi minkejja li l-Qorti tghid li hadet in konsiderazzjoni l-andament tajjeb f'hajtu, din ma kienitx imbaghad riflessa fil-piena. Huwa jilmenta bhala eccessiva s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena liema sospensjoni ser ikollha effett fuq l-impjieg tieghu;

2. Ezaminati l-atti processwali jemergi illi l-appellant kien irregistra ammissjoni wara diversi seduti li fihom kienu akkolti l-provi u ghalhekk certament ma jistax jirrikjama l-beneficcju tal-ammissjoni bikrija kif kontemplat fil-gurisprudenza. Preventivament irid jinghad illi fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri tal-5 ta' Lulju 2002, kien ritenut illi l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. Pero' fis-sentenza Il-Pulizija vs Emmanuel Testa (App Krim 17.07.2002) il-Qorti kienet iddeskriviet bhala "regoli generali" dawk li ghandhom jigwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni u taghmel referenza imbaghad ghal dak ritenut dwar regoli generali mfissra fis-sentenza preliminari Ir-Repubblika ta' Malta v Nicholas Azzopardi tal-24 ta' Frar, 1997. Din il-Qorti

tissenjala illi l-konsiderazzjoni fis-sentenza Testa kienu dwar il-kuncett tal-ammissjoni bikrija maghmula proprju fl-ewwel seduta. Din il-Qorti, izda, xorta wahda ser tezamina jekk l-ewwel Qorti kkontemplatx xi forma ta' mitigazzjoni fil-piena fi hdan dawn ir-regoli gwida;

3. Fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena l-ewwel Qorti qalet hekk:

> "***Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-informazzjoni ta' l-ufficcjal tal-probation dwar l-andament tal-imputat; fil-fatt jirrizulta li saru kambjamenti pozittivi kbar fil-hajja tal-imputat u li jidher li qed jikkopera ma' l-imsemmi ufficcjal pero ghad baqa x'isir. Illi tenut kont ta' dan, il-Qorti hija disposta li taghti l-ahhar opportunita lill-imputat biex ix-xoghol li beda mal-ufficcjal tal-probation u l-professjonisti l-ohra involuti jkompli bl-ghan li r-riabilitazzjoni tal-imputat tkun wahda shiha u effettiva";***

4. Issa t-tieni imputazzjoni wahidha gia kienet iggorr maghha piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa sentejn **u** multa mhux anqas minn €4000 u mhux izjed minn €10,000. Minkejja li l-imputat ma gharafx jibbenefika minn piena alternattiva fil-passat u minkejja li kien sahansitra imputat u ammetta ghall-kommissjoni ta' reat waqt perjodu operattiv ta' probation, l-ewwel Qorti gharfet il-potenzjal fih sabiex jirriforma ruhu u erogat sentenza li biha ghandu l-ghodda kollha biex jibqa' miexi fit-triq tar-riforma. L-ewwel Qorti, tajjeb jew hazin, ma applikatx, kif strettament kellha taghmel, ir-regoli dwar il-pieni fil-konkors tar-reati, lanqas ma zieded il-piena bi grad jew tnejn konsegwenza tal-

addebitu tar-recediva. Minkejja dan u minflok il-prigunerija kontemplata fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, l-ewwel Qorti ghazlet li teroga piena alternattiva bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 u timponi il-minimu tal-piena pekunarja.

5. Inoltre, l-ewwel Qorti ghazlet li ma titrattax mieghu ghal-ksur tal-ordni ta' probation anke jekk ma setghetx taghmel dan ghaliex illum huwa palezament stabilit li l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 mhux wiehed diskrezzjonali fuq il-Qorti li hija dovuta li titratta mieghu dwar dak il-ksur. L-Avukat Generali, izda, ma appellax dwar dan u l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti ma humiex ser jissoktaw aktar minn hekk;

6. Tenut kont l-imputazzjonijiet in konnessjoni mas-sewqan tal-imputat appellant, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma hemm xejn sproporzjonat fil-piena erogata li wara kollox tirrifletti in-natura serjissima ta' reati konnessi ma' sewqan taht l-influwenza ta' xorb jew drogi u l-konsegwenzi pessimi li dan jista' jkollu:

7. Huwa evidenti illi l-ewwel Qorti ma setghetx tkun klementi aktar milli kienet mal-appellant u, kif gia inghad, taghtu l-ghodda u l-possibilita kollha li jerga' jkun cittadin dehen tas-socjeta' li jghix fiha;

8. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tinterferixxi mad-diskrezzjoni ezercita mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena la darba din hija fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn x'jiddimostra li din kellha tkun anqas minn dik fil-fatt erogata;

9. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud. Il-Qorti regghet fehemet fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti

mis-sentenza tal-ewwel Qorti dwar it-terminu tal-Ordni ta' Probation u li dan jibda jiddekorri mil-lum bhalma tibda tiddekorri minn nofs il-lejl l-iskwalifika tal-licenzja tieghu ghal perjodu ta' sena.